**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 9 ta' Marzu, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 27**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 27 li ser tinżamm permezz ta' ZOOM nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
27.5 Rapporti;
27.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
27.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
27.8 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
27.9 Evalwazzjoni dwar Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2021;
27.10 Aġġornament dwar l-Aġġornament tal-Websajt tal-Kunsill Lokali, is-Sistema ta' Permessi Online u s-Servizz ta' Messaġġi;
27.11 Aġġornament dwar it-Talba għall-Fondi t'Aġġustament għas-Sena 2021;
27.12 Aġġornament dwar l-Iskema ta' Għajnuna għal-Libreriji 2021 mir-Reġjun tan-Nofsinhar;
27.13 Ingaġġ ta' Persuna Klerikali mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
27.14 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni dwar: Tender for the Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friendly Manner in Qrendi;

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

27.15 Ismijiet ta’ Toroq fil-Lokalità;
27.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
27.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-27 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 16 ta' Marzu, 2021 fil-17:30 permezz ta' ZOOM (online) u spiċċat fis-19:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (online) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 27.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

27.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## 27.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

27.2.1 Il-Minuti tal-25 Laqgħa u s-26 Laqgħa (b'urġenza) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsilliera Marion Parnis.

27.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 27.3, 27.4 u 27.5 jiġu diskussi wara Minuta 27.15 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 27.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

27.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi ġmielu u t-tieni sular wasal biex jitlesta.

27.6.2 Qal li wara li fl-aħħar laqgħa kien hemm mistoqsija dwar meta ser tkun id-data ta' tlestija, intbagħtet korrispondenza uffiċjali lill-kuntrattur u qed nistennew risposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

27.7 **AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – HITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA**

27.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi tajjeb ħafna, avolja dejjem irid isir l-iskavar, imbagħad isir rapport li jintbagħat lis-Sovvratindenza tal-Kultura, u wara nirċievu l-konferma biex immexxu.

27.7.2 Qal li hemm problema żgħira meta niġu biex ngħaqqdu l-ġebel l-antik mal-ġdid, imma din il-problema qed tiġi riżolta.

27.7.3 Semma' kif fi Trejqet il-Vjatku għadu jridu jitneħħa l-ħajt li laħaq sar għaliex hemmhekk mhux ser isir.

27.8 **AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI**

27.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li waslet it-tielet kunsinja t'ikel tal-qtates u beda jitqassam.

27.8.2 Qal li nxtraw il-cat shelters li għandhom ikunu għandna sa ħmistax oħra, imbagħad dawn jitpoġġew fiż-żona ta' Triq Ġużè Cassar u Triq Ġużeppi D'Arena.

27.8.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li rridu nagħmlu ċert li l-cat shelters ikunu siguri, b'mod u manjiera li ma jkunx hemm min joqgħod iċaqlaqhom, eċċ...

27.9 **EVALWAZZJONI DWAR JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2021**

27.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li jħoss li bħala attivitajiet marru tajjeb, avolja kollox ridott minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

27.9.2 Qal li kemm is-Sur Chris Ebejer u s-Sa Tessie Galea kien ħaqqhom jieħdu dan l-unur, meta tqis li kulma kien hemm bejniethom kien 0.2%.

27.9.3 Fix-xhur li ġejjin ser issir diskussjoni dwar kif għandu jkun il-formata tas-serata ta' Ġieħ il-Qrendi, kif ukoll r-regolamenti dwar min jingħata l-Ġieħ.

## 27.10 <u>AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠORNAMENT TAL-WEBSAJT TAL-KUNSILL LOKALI, IS-SISTEMA TA' PERMESSI ONLINE U S-SERVIZZ TA' MESSAĠĠI</u>

27.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li ser jgħaddi l-kelma lill-Kunsillier Charles Zerafa bħala l-Kunsillier responsabbli f'dan il-qasam.

27.10.2 Il-Kunsillier Zerafa qal li matul l-aħħar xahar saru żewġ laqgħat mal-persuna li ser tieħu ħsieb l-aġġornament tal-websajt.

27.10.3 Qal li kienu diskussi numru ta' punti, fosthom features ġodda li jkun fiha l-websajt, bħas-sistema tal-permessi onlajn, kif ukoll iċ-ċans li wieħed japplika għall-iskart goff onlajn.

27.10.4 Spjega kif xi ġimgħat ilu tlaqqa' s-sotto-kumitat tat-teknoloġija ffurmat minnu, mis-Sindku David Schembri, is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, Dr Colin Layfield u Gabriel Camilleri, fejn kien ġie deċiż li jsir aġġornament tal-websajt u mhux issir app ġdida, minħabba li din tiskadi fi ftit xhur.

27.10.5 Fl-istess laqgħa, il-parir ta' Dr Layfield kien li għas-sistema tal-permessi mmorru għal dik li diġà qed tintuża' minn Kunsill Lokali oħra.

27.10.6 Tkellem ukoll dwar il-permessi onlajn tal-iskart goff, fejn qal li bħalissa qed issir diskussjoni mal-persuna li qed tieħu ħsieb il-websajt, biex ninkludu dak kollu li nixtiequ.

27.10.7 Tkellem dwar is-sistema tal-messaġġi, fejn ser inħarsu kemm lejn id-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

distributuri lokali u anke barranin, biex nagħżlu liema l-aħjar u nmexxu.

## 27.11 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TALBA GĦALL-FONDI T'AĠĠUSTAMENT GĦAS-SENA 2021

27.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-soltu, ta kull sena, konna ningħataw fondi bħala aġġustament, imma minn din is-sena dawn ma baqgħux jingħataw u rridu napplikaw għalihom.

27.11.2 Spjega kif ser jgħaddi l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega aħjar dwar xiex ser napplikaw, imma semma' l-fatt li konna infurmati li l-iżvojtar tal-fossa f'Wied iż-Żurrieq irridu nibdew nieħdu ħsiebha aħna.

27.11.3 Qal li din ġiet fuqna ħabta u sabta ftit tal-ġimgħat ilu, u das-servizz mhux ser jibqa' jiġi offrut mid-Dipartiment tad-Drenaġġ fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

27.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li ser napplikaw għall-massimu tal-fond t'aġġustament, minħabba li mill-aspett amministrattiv dejjem inbatu ħafna u allura dawn jistgħu jagħtuna ftit tan-nifs.

## 27.12 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAL-LIBRERIJI 2021 MIR-REĠJUN TAN-NOFSINHAR

27.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li ħarġet skema ta' €500 sabiex jinxtraw il-kotba jew tiġi mtejba l-infrastruttura tal-librerija.

27.12.2 Barra minn hekk, qal li hemm €600 fondi mil-Librerija Nazzjonali sabiex jinxtraw il-kotba.

27.12.3 Qal li l-idea oriġinali tal-Kunsill Lokali kienet li titkabbar il-librerija, imma minħabba li anke kien hemm bidla fil-Ministeri, dak il-proġett għalissa tpoġġa fuq l-ixkaffa.

27.12.4 Spjega kif nistgħu nużaw €1,100 biex jinxtraw kotba ġodda, biss il-librara qed tilmenta li t-toilet tal-librerija għandu bżonn bidla radikali.

27.12.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li ddiskutiet mal-librara dwar dan, u jidher li din hija problema li qiegħda fuq moħħha ħafna.

27.12.6 Qalet li jekk din hija xi ħaġa li qiegħda tintalab u ilha mixtieqa s-snin, allura ta' min nagħtu ftit kas.

27.12.7 Saret diskussjoni dwar li jkun hemm tisbiħ tat-toilet. Ser inġibu xi kwotazzjonijiet u nitkellmu fil-laqgħa li jmiss.

## 27.13 INGAĠĠ TA' PERSUNA KLERIKALI MAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

27.13.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna ittra mingħand is-Sa Stephanie Falzon fejn qed tinforma lill-Kunsill Lokali li ser tieqaf mill-impjieg tagħha.

27.13.2 Qal li f'dan ir-rigward il-Kunsill Lokali jrid jaħseb biex jingaġġa persuna klerikali oħra u ħalla l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

27.13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li issa rridu ninfurmaw lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Kunsill Lokali għandu l-ħsieb jingaġġa persuna klerikali ġdida.

27.13.4 Fisser kif mill-aħħar komunikazzjoni mad-Dipartiment, ħareġ ċar li ma nistgħux ningaġġaw persuna li taqdi d-doveri klerikali u tkun Contracts Manager fl-istess ħin.

27.13.5 Spjega li xogħol il-Contracts Manager ikun fuq barra, u aktar intensiv fil-ħin ta' filgħodu, fl-istess ħin li jkun hemm bżonn is-servizz tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

persuna klerikali fl-uffiċċju.

27.13.6 Saret diskussjoni dwar jekk l-ingaġġ tal-persuna klerikali jkunx fuq bażi full-time nkella part-time bi 30 siegħa fil-ġimgħa.

27.13.7 Wara diskussjoni kien propost li l-persuna tkun ingaġġata bi 30 siegħa fil-ġimgħa part-time, proposta li kienet maqbula unanimament mill-Kunsill Lokali.

27.13.8 Ġie deċiż ukoll li ser nitkellmu mad-Dipartiment sabiex it-tletin siegħa jinqasmu fuq sitt ijiem u mhux ħamsa, sabiex ikun inkluż ukoll is-Sibt.

## 27.14 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-BORD T'EVALWAZZJONI DWAR: TENDER FOR THE STREET SWEEPING AND COMMUNITY CLEANSING IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER IN QRENDI

27.14.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Bord t'Evalwazzjoni dwar it-tender iltaqa' erba' darbiet.

27.14.2 Is-Sindku ħalla l-kelma f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

27.14.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif b'kollox kien hemm sitt offerenti għal dan it-tender li kienu s-segwenti:

i. Sandro Caruana;
ii. Waste Collection Limited;
iii. Twanny Barun;
iv. Saviour Mifsud;
v. Christopher Bezzina;
vi. WM Environmental Ltd.

27.14.4 Qal li mis-sitt offerenti, ħamsa tefgħu l-istess prezz, u allura dan kien ifisser attenzjoni massima mill-Bord t'Evalwazzjoni.

27.14.5 Waqt l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti rriżulta li wieħed mill-offerenti għamel dikjarazzjonijiet foloz u għaldaqstant ma kienx

teknikament konformi.

27.14.6 Min-naħa l-oħra, żewġ offerenti oħra ntalbu kjarifiċi li ma ġewx imwieġba fil-ħin stipulat u għaldaqstant anke huma ma kenux teknikament konformi.

27.14.7 Finalment, tliet offerenti kienu kkunsidrati fil-parti finanzjarja ta' din is-sejħa għall-offerti, li kienu:

i. Twanny Barun;
ii. Christopher Bezzina;
iii. WM Environmental Ltd.

27.14.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni quddiem il-Kunsill Lokali għall-approvazzjoni, fejn kien hemm qbil unanimu li s-sejħa għandha tingħata lil Christopher Bezzina li kien l-aktar l-aħjar offerent teknikament u finanzjarjament.

27.14.9 Fil-jiem li ġejjin ser jinħareġ ir-riżultat finali u jkunu mgħarrfa l-offerenti, u jkollhom għaxart ijiem ċans t'appell qabel ikun jista' jibda t-tender il-ġdid.

## 27.15 <u>ISMIJIET TA' TOROQ FIL-LOKALITÀ</u>

27.15.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna ittra mis-Soċjetà Mużikali Santa Marija dwar tismija ta' triq ġdida għas-Sur Nikol Aquilina.

27.15.1.1 Qal li fil-preżent fil-Qrendi m'għandniex toroq bla isem u jekk ikollna nibdlu xi isem ta' triq, ma tkunx aċċettata mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

27.15.1.2 Semma' l-parti ta' fuq Misraħ il-Maqluba, iż-żona li fiha hemm residenza waħda, fejn s'issa qiegħda bla isem, u allura forsi nistgħu nsemmu din iż-żona għal Nikol Aquilina.

27.15.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-Pjazza tal-Maqluba, triq li tinsab

maġenb Triq Ħal Lew.

27.15.2.1 Qal li l-isem ta' din it-trejqa ma jagħmilx sens meta ftit metri 'l isfel hemm Misraħ il-Maqluba.

27.15.3 Barra minn hekk, is-Sindku qal li lura għall-24 t'Ottubru, 2016, il-Kunsill Lokali ta' dak iż-żmien kien qabel unanimament li tliet toroq f'Wied iż-Żurrieq għandhom jingħataw isem ġdid.

27.15.3.1 Qal li dawn l-ismijiet kienu ntgħażlu b'votazzjoni bejn il-Kunsillieri u wara kulħadd qabel unanimament ma' dawn l-ismijiet.

27.15.3.2 Spjega kif meta konna ser nibdew il-proċess sabiex jinbidlu, kienet mgħajta Elezzjoni Ġenerali u allura ma stajniex inmexxu, biss issa wasal iż-żmien li qabel issir Elezzjoni Ġenerali oħra, dawn it-toroq jingħataw l-ismijiet il-ġodda.

27.15.4 Għaldaqstant, is-Sindku ppropona s-segwenti:

i. Il-fetħa li hemm fuq Misraħ il-Maqluba u li sallum għadha bla isem, tiġi Wesgħa Nikol Aquilina;
ii. Pjazza tal-Maqluba tinbidel u ssir jisimha Triq l-Għargħar;
iii. It-toroq ta' Wied iż-Żurrieq ikun jisimhom: Triq id-Dokkiena, Triq l-Um El Faroud u Triq il-Madonna taċ-Ċintura. Jekk xi isem minn dawn ma jiġiex aċċettat, l-isem li jkun imiss huwa Triq il-Ħnejja.

27.15.4.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 27.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

27.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar korrispondenza mas-Soċjetajiet Mużikali dwar it-toqob tal-arbli tal-festa fil-by-pass tal-Qrendi.

27.3.1.1 Qal li s'issa għad m'għandniex risposta u ser nerġgħu infakkruhom u nagħtuhom data fissa sa meta jirrispondu.

27.3.2 Is-Sindku tkellem dwar sitwazzjoni ta' pjattaforma li ġiet mibnija f'Wied iż-Żurrieq, fis-satra tal-lejl.

27.3.2.1 Qal li l-Kunsill Lokali ma kienx jaf b'dan l-iżvilupp, u malli waslulna l-ewwel rapporti, infurmajna lill-ERA, lill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll sar rapport fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq.

27.3.2.2 Mill-informazzjoni li għandna, il-persuna li wettqet l-iżvilupp illegali ġiet mitkellma mill-pulizija u mill-ERA, u matul din il-ġimgħa għandha tingħata deċiżjoni finali dwar dan l-iżvilupp illegali.

27.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Triq tal-Providenza u qal li x-xogħol li sar, sar mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fejn inbidlu s-servizzi tal-ilma.

27.3.3.1 Spjega kif resident partikolari mill-istess triq beda jilmenta mid-dewmien fix-xogħolijiet u bagħat lil Transport Malta, fejn dawn wieġbu li t-triq taqa' taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali, probabbli x-xogħol qed isir minnhom u tawh parir li jirrapporta lill-istess Kunsill Lokali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

27.3.3.2 Qal li min-naħa tagħna niddikjaraw li ma naqblux ma' dak li ngħad minn Transport Malta, u fejn suppost huma kienu jafu ħafn'aħjar, għax kienu mgħarrfa li x-xogħol li qiegħed isir huwa fir-responsabbilità tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

27.3.3.3 Is-Sindku sostna li sabiex inbdew ix-xogħolijiet, Transport Malta kellhom japprovaw il-permezz tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

27.3.3.4 Spjega li matul il-ġurnata tal-bieraħ inbeda l-iscurrfying u għaldaqstant qed nistennew li fil-jiem li ġejjin jingħata l-wiċċ tat-tarmak f'din it-triq.

27.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-iżvilupp infrastrutturali fi Triq Sant'Anna u qal li x-xogħol baqa' miexi b'ritmu mgħaġġel.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

27.3.4.1 Qal li sfortunatament kien hemm ħafna tgergir minn xi residenti, u kien hemm minnhom li bdew igergru daqqa fuq ħaġa u daqqa fuq oħra.

27.3.4.2 Spjega kif parti minn Triq Ħal Lew u Sqaq Sant'Anna kellhom isiru bil-print concrete minħabba li l-paver ma jgħaddiex għax it-toroq dojoq, u malli saru, ir-residenti riedu li ż-żona kollha ssir hekk.

27.3.4.3 Is-Sindku fakkar li l-istess residenti li gergru għax hemm dewmien fix-xogħol, riedu li mhux biss parti minn Triq Ħal Lew u Sqaq Sant'Anna jingħataw bil-print concrete imma wkoll quddiem il-Kappella u l-pjazzetta ta' quddiemha.

27.3.4.4 Fisser kif dan kollu wassal għal aktar dewmien sabiex jitlestew ix-xogħolijiet.

27.3.4.5 Is-Sindku fakkar li fil-leġiżlatura li għaddiet, il-Kunsill Lokali kien diġà ġab l-approvazzjoni biex iż-żona kollha ssir bil-kubetti, imma dak iż-żmien kien hemm min ilmenta u pprova jwaqqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali għaż-żufjett.

27.3.4.6 Qal li issa l-Kunsill Lokali jrid jieħu deċiżjoni jekk Triq Sant'Anna ssirx one way jew le, biss talab li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

27.3.4.7 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li jidher li fi Triq Ħal Lew għaddiet vettura kbira li girfet parti mill-pavimentar.

27.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-bandli tal-Ġnien tal-Warda, u qal li għalkemm ix-xogħol miexi, qed ikun hemm diversi skossi.

27.3.5.1 Spjega li x-xogħol bħalissa jinsab wieqaf minħabba li qed nistennew il-ħadid u wara jitpoġġa t-top layer tal-bandli.

27.3.5.2 Fisser kif ir-regolamenti tal-playing fields jirrkejdu li żona rikreattiva tkun imdawra bi struttura, u allura ma nistgħux naqbdu u niftħu l-bandli jekk kemm-il darba din l-istruttura għadha mhix f'postha.

27.3.5.3 Żied li fil-jiem li għaddew twaħħlu l-kameras ta' sigurtà u fil-jiem li ġejjin mistennija jibdew jaħdmu.

27.3.5.4 Semma' li minħabba l-pandemija tal-Covid-19, il-materjal li kellu jasal minn barra dam biex jasal f'pajjiżna aktar milli mistenni, u sfortunatament kien hemm perjodi fejn xi impjegati tal-kuntrattur kienu kwarantina.

27.3.6 Is-Sindku tkellem dwar kameras ta' sigurtà mal-bring-in sites, fejn qal li dil-ġimgħa ser isiru l-earth electrodes, biex imbagħad isiru l-applikazzjonijiet għas-servizz tal-internet mal-kumpanija GO, kif ukoll l-applikazzjonijiet għas-servizz tad-dawl mal-kumpanija ARMS.

27.3.7 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet kulturali u qal li l-iskema li nħarġet fil-ġimgħat li għaddew ġiet estiża għal wara li tingħata t-tilqima kontra l-Covid-19 lill-maġġoranza tal-poplu Malti.

27.3.7.1 Ippropona li minħabba li ma nistgħux norganizzaw il-Festival Agrarju tal-Patata minħabba l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-Covid-19, għandna naħsbu fuq binarji totalment differenti.

27.3.7.2 Semma' kif jistgħu jsiru:

i. recital f'Ħaġar Qim;
ii. kant fuq it-Torri Xutu f'Wied iż-Żurrieq;
iii. recital fil-ġenb tal-Knisja Parrokjali.

27.3.7.3 Ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex jaħsbu f'xi ideat oħra u din il-materja terġa' tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 27.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

27.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar jekk irċevejniex xi risposta mingħand Infrastruttura Malta dwar is-sigurtà ta' Triq it-Tempesta.

27.4.1.1 Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

27.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar l-iskema tal-Vet Care.

27.4.2.1 Qalet li sakemm għalaq iż-żmien tal-kwotazzjonijiet, daħlet biss kwotazzjoni waħda.

27.4.2.2 Is-Sindku ppropona li għandna nimxu ma' din il-kwotazzjoni u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

27.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar parkeġġ riservat minħabba l-karozzi tal-elettriku u ċ-charging bays.

27.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li llum stess irċevejna e-mail dwar dan mingħand xi residenti u bagħtna l-mistoqsijiet tagħna lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

27.4.3.2 Qal li fil-preżent jidher li qed issir diskussjoni mal-Gvern dwar iċ-chargers li ser isiru fil-lokaltaijiet madwar Malta.

27.4.3.3 Żied li rridu nistennew id-deċiżjoni tal-Gvern Ċentrali biex naraw kif ser naħdmu u nimxu 'l quddiem.

## 27.5 <u>RAPPORTI</u>

27.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 27.16 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

27.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €73,040.43 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 03/21 u €114.86 skont il-*Petty Cash* Ref Y/2.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

27.16.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

27.16.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

27.16.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 27.17 <u>TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS</u>

27.17.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 20 t'April, 2021 fil-17:30.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**